MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2008

Mandat Numru. 1354/2008/1

**Edward Grima Baldacchino;**
**Gordon Grima Baldacchino**
**u Vanessa Frazier.**

**vs**

**Melita plc u b'degriet tas 17 ta' Settembru 2008 l-isem gie mibdul ghal Melita Mobile Limited.**

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

**Rat ir-rikors** li bih ir-rikorrenti talbu biex dina 'l-Qorti zzomm lill intimati milli jkomplu b'kwalsiasi xogholijiet (xoghol ta' stallazzjoni ta' antenna/repeater ghall-mobile phones) fuq il-proprejta' ta' l-esponenti jew partijiet kommuni fejn l-esponenti ghandhom interess u dana billi

dawn jistghu jkunu ta’ pregudizzju ghal sahhithom u ta’ dannu ghall-propjeta taghhom.

**Rat ir-risposta** ta’ l-intimati fejn wiegbu li l-antenna twahhlet fuq proprejta’ ta’ terzi u kull ma hemm imiss mal-proprejta kommuni huwa pipe. Dan ma hu ta’ ebda perikolu ghas-sahha tar-rikorrenti u huma mhux ser isofru ebda pregudizzju rremedjabbili. Inoltre wiegbu li l-mandat inhareg in mala fede billi appena r-rikorrenti baghtu l-ittra interpellatorja, segwewha mall-ewwel bil-mandat.

Rat l-atti kollha tar-rikors u d-dokumenti ezibiti;
Semghet lill omm ir-rikorrenti bil-gurament;
Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw:

**Ligi**

Skop tal-mandat.

**873. (1)** L-iskop tal-mandat ta’ inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tkun, li tista’ tkun ta’ pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.

Ezami tal-qorti.

**(2)** Il-qorti m’ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa *mehtieg* sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent *prima facie* jidher li ghandu dawk il-jeddijiet**.**

Ghalhekk iz-zewg elementi rikjesti biex jinhareg il-mandat huma li r-rikorrent juri li jidher li hu ghandu, mad-daqqa t’ghajn **(prima facie) jedd** x’jikkawtela u li **l-mandat hu mehtieg** biex jithares dan il-jedd.

Dawn iz-zewg elementi huma kumulativi u mhux alternativi, jigifieri li jekk wiehed minn dawn iz-zewg elementi huma nieqes, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghal-hrug tal-mandat.

Il-mandat t’inibizzjoni huwa wiehed mill-atti intizi biex jikkawtela d-dritt u trid ghalhekk tinzamm distinzjoni netta

bejn l-att kawtelatorju u d-dritt kawtelat. Il-fatt li tintlaqa' t-talba ghal-hrug tal-mandat ma jfissirx li l-jedd fil-mertu huwa ppruvat, bhalma lanqas ifisser li l-fatt li l-mandat ma jintlaqx, il-jedd pretiz mir-rikorrent ma jezistix. L-allegat dritt jista' jigi dibattut f'sede apposita fejn il-mertu jigi ezaminat indipendentement mill-procedura tal-mandat.

Il-mandat t'inibizzjoni bhala provediment legali huwa mezz procedurali eccezzjonali u mhux normali. Billi l-mandat isir fi zmien meta l-pretensjoni ghad ma tkunx gudizzjarjament accertata u stabbilita, id-disposizzjonijiet tal-ligi dwarhom ghandhom jircevu interpretazzjoni rigoruza.

**Konsiderazzjonijiet**

Fil-kaz in ezami jirrizulta prima facie mill provi ( xhieda ta' omm ir-rikorrenti) li l-antenna twahhlet fil-proprejta ta' terzi; li kull ma hemm imiss mal-hajt kommuni huwa pipe imwahhal bil clips u li r-rikorrenti ma jghixux f'dan il-post imma l-proprejta hija ghal kiri jew ghall bejgh. Ir-rikorrenti qed jilmentaw li bit-twahhil ta' l-antenna fuq il-bejt ta' terzi magembhom se jkun difficili aktar ghalihom biex jikru jew ibieghu l-post u ghalhekk se jsofru telf finanzjarju u l-quddiem forsi lanqas ikunu jistghu jtellghu sulari ohra.

Illi hu principju li mandat ta' inibizzjoni m'ghandux jinhareg semplicement sabiex ma jigux sofferti danni. Mandat simili mhux necessarju biex id-dritt vantat mir-rikorrenti jigi konservat, in kwantu li f'kaz ta' ezitu favorevoli fil-mertu r-rikorrenti dejjem ghandhom dritt li jirreklamaw id-danni. (ara Melita Cable plc vs Maltacom plc 4294/99 deciz 11/10/1999; Xuereb v Hili 3135/94; Dr.Borg Grech vs J.Gasan 3984/92 u Mizzi v Gasan 4216/92).
Dwar il-pregudizzjali fuq is-sahha, apparti l-fatt li r-rikorrenti ma joqghodux f'dana l-post, ma hemm ebda prova prima facie dwar il-hsara li tista' tigi kagjonata bit-tqeghid tal-antenna. Jidher li l-intimati wahhlu l-antenna bil-permessi kollha skond il-ligi.

Illi biex jinhareg il-mandat irid jigi pruvat li jekk ma tintlaqx it-talba ghall-hrug tal-mandat, ir-rikorrenti ser isofru

pregudizzju rrimedjabbili. Fil-kaz in ezami pero' r-rikorrent ma huma se jbatu ebda pregudizzju rrimedjabbili billi jekk il-quddiem huma jagixxu gudizzjarjament biex jippruvaw il-pretenzjoni taghhom, u eventwalment ikollhom ezitu favorevoli, l-inkonvenjent de quo jista' facilment jigi mnehhi u r-rikorrenti jigu pjenament reintegrati fid-drittijiet minnhom vantati.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi;
Peress illi ma jirrizultax li r-rikorrenti ghandhom prima facie dritt x'jikkawtelaw b'dan il-mandat;
Tirrevoka kontratrio imperio id-degriet precedenti taghha tat 3 ta' Settembru 2008;
U tichad it-talba;
Spejjez ghar-rikkorrenti;
Salv kull dritt iehor spettanti lir-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------